SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Marzu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Proprjetà intellettwali – Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati – Artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv – Trasferiment tad-drittijiet relatati b'mod regolamentari – Direttiva 2001/29/KE – Artikolu 2(b) u Artikolu 3(2) – Dritt ta' riproduzzjoni u dritt ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku – Direttiva 2006/115/KE – Artikoli 7 sa 9 – Drittijiet ta' fissazzjoni, ta' xandir u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku u ta' distribuzzjoni – Direttiva (UE) 2019/790 – Artikoli 18 sa 23 – Remunerazzjoni ġusta fil-kuntest ta' kuntratti ta' sfruttament – Artikolu 26 – Applikazzjoni *ratione temporis* – Kunċetti ta' 'atti konklużi' u ta' 'drittijiet miksuba'"

Fil-Kawża C-575/23,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Awwissu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Settembru 2023, fil-proċedura

FT

AL,

ON

vs

État belge,

fil-preżenza ta':

Orchestre national de Belgique (ONB)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, T. von Danwitz, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tal-Ewwel Awla, A. Kumin, I. Ziemele (Relatriċi) u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Reġistratur: M. Siekierzyńska, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ġunju 2024,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal FT, AL u ON, minn S. Capiau, avocate,

– għall-Orchestre national de Belgique (ONB), minn C. Bernard, M. Buydens u D. Lagasse, avocats,

– għall-Gvern Belġjan, minn S. Baeyens, P. Cottin u C. Pochet, bħala aġenti, assistiti minn R. Fonteyn u A. Joachimowicz, avocats,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Auvret u J. Samnadda, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 sa 23 kif ukoll tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU 2019, L 130, p. 92).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn FT, AL u ON, mużiċisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv mill-Orchestre national de Belgique (ONB), u l-État belge dwar il-legalità tal-arrêté royal du 1er juin 2021 relatif aux droits voisins du personnel artistique de l'Orchestre national de Belgique (id-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 dwar id-Drittijiet Relatati tal-Persunal Artistiku tal-Orkestra Nazzjonali tal-Belġju) (Moniteur belge tal-4 ta' Ġunju 2021, p. 56936, iktar 'il quddiem id-"Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

Il-Konvenzjoni ta' Ruma

3 Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir, ġiet konkluża f'Ruma fis-26 ta' Ottubru 1961 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma").

4 L-Unjoni Ewropea ma hijiex parti għal din il-konvenzjoni. Għall-kuntrarju, l-Istati Membri kollha tagħha, bl-eċċezzjoni tar-Repubblika ta' Malta, huma parti.

5 L-Artikolu 7 tal-imsemmija konvenzjoni, li jirrigwarda l-protezzjoni minima tal-artisti, jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-protezzjoni prevista f'din il-Konvenzjoni favur l-artisti għandha tippermetti li tkun ta' ostakolu:

a) għax-xandir jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom mingħajr il-kunsens tagħhom, ħlief meta l-prestazzjoni użata għax-xandir jew għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tkun diġà hija stess prestazzjoni mxandra jew issir minn fissazzjoni;

b) għall-fissazzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom fuq mezz materjali tal-prestazzjoni tagħhom mhux iffissata;

c) għar-riproduzzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom ta' fissazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom:
   (i) meta l-ewwel fissazzjoni kienet saret hija stess mingħajr il-kunsens tagħhom;
   (ii) meta r-riproduzzjoni ssir għal skopijiet differenti minn dawk li għalihom huma jkunu taw il-kunsens tagħhom;
   (iii) meta l-ewwel fissazzjoni tkun saret skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 u tkun ġiet riprodotta għal skopijiet differenti minn dawk imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Ruma, dwar il-prestazzjonijiet kollettivi, jipprevedi:

"Kull Stat kontraenti jista', permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, jiddetermina l-modalitajiet li bihom l-artisti jkunu rrappreżentati, għal dak li jikkonċerna l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, meta diversi minnhom jipparteċipaw fl-istess prestazzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Artikolu 12 ta' din il-konvenzjoni, li jirrigwarda l-użi sekondarji ta' fonogrammi, huwa fformulat kif ġej:

"Meta fonogramma ppubblikata għal finijiet ta' kummerċ, jew kopja ta' dik il-fonogramma, hija utilizzata direttament għax-xandir jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku, remunerazzjoni ġusta u unika għandha titħallas mill-utent lill-artisti li jinterpretaw jew li jeżegwixxu, u lill-produtturi ta' fonogrammi jew lilhom it-tnejn. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista', fin-nuqqas ta' ftehim bejn dawn id-diversi persuni kkonċernati, tiddetermina l-kundizzjonijiet tat-tqassim ta' din ir-remunerazzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 L-Artikolu 15 tal-imsemmija konvenzjoni jinkludi l-eċċezzjonijiet għall-protezzjoni ggarantita minnha.

9 L-Artikolu 19 tal-istess konvenzjoni, li jirrigwarda l-protezzjoni tal-artisti fl-iffissar viżivi jew awdjoviżivi, huwa fformulat kif ġej:

"Minkejja kull ħaġa oħra f'din il-Konvenzjoni, ladarba l-attur ikun ta l-kunsens tiegħu għall-inkorporazzjoni tal-prestazzjoni tiegħu f'fissazzjoni viżiva jew awdjoviżiva, l-Artikolu 7 ma għandu jkollu l-ebda applikazzjoni oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-WPPT

10 L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) adottat, fl-20 ta' Diċembru 1996, it-Trattat tal-WIPO dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur u t-Trattat tal-WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (iktar 'il quddiem il-"WPPT"). Dawn it-Trattati ġew approvati f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/278/KE tas-16 ta' Marzu 2000 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tat-Trattat WIPO dwar id-Dritt ta' l-Awtur u tat-Trattat WIPO dwar il-Preżentazzjonijiet u l-Fonogrammi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 208), u daħlu fis-seħħ, għal dak li jikkonċerna l-Unjoni, fl-14 ta' Marzu 2010.

11 L-Artikolu 2 tal-WPPT, intitolat "Definizzjonijiet", jiddisponi:

"Għall-għanijiet tat-Trattat:

a) 'prestaturi' huma atturi, kantanti, mużiċisti, żeffiena, u persuni oħra li jippreżentaw, iktantaw, jirreċtaw, jiddeklamaw, jieħdu sehem, jinterpretaw jew b'xi mod ieħor jaħdmu f'xogħlijiet letterarji jew artistiċi jew espressjonijiet ta' folklor;

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 L-Artikoli 6 sa 10 ta' dan it-trattat jirrigwardaw, rispettivament, ir-regoli li jirregolaw id-drittijiet patrimonjali tal-artisti fuq il-prestazzjonijiet tagħhom mhux iffissati, id-dritt ta' riproduzzjoni, id-dritt ta' distribuzzjoni, id-dritt ta' kiri kif ukoll id-dritt li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni prestazzjonijiet iffissati.

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2001/29/KE

13 Il-premessi 9, 10, 15 u 30 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230), jistipulaw:

"(9) Kull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. Il-protezzjoni tagħhom tgħinhom jiżguraw it-tkomplija u l-iżvilupp tal-kreattività fl-interessi ta' l-awturi, artisti, produtturi, konsumaturi, kultura, industrija u l-pubbliku in ġenerali. Proprjetà intellettwali ġiet għalhekk rikonoxxuta bħala parti integrali ta' proprjetà.

(10) Jekk awturi jew artisti għandhom ikomplu bix-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom, huma għandhom jirċievu kumpens xieraq għall-użu tax-xogħol tagħhom, kif għandhom jirċievu produtturi sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw xogħolhom. […]

[…]

(15) Il-Konferenza Diplomatika mlaqqa' taħt l-awspiċi ta' l-[WIPO] f'Diċembru 1996 wasslet għall-adozzjoni ta' żewġ Trattati ġodda, it-'Trattat dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur WIPO' u [l-WPPT], li jittrattaw rispettivament il-protezzjoni ta' l-awturi u l-protezzjoni ta' l-artisti u produtturi ta' fonogrammi. […] Din id-Direttiva sservi wkoll biex timplimenta għadd ta' obbligi internazzjonali ġodda.

[…]

(30) Id-drittijiet imsemmija f'din id-Direttiva jistgħu jiġu trasferiti, assenjati jew regolati mill-għotja ta' liċenzji kuntrattwali, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali relevanti dwar id-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati."

14 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti:

[…]

(b) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

[…]"

15 L-Artikolu 3(2) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, permezz tal-fili jew mingħajr fili, b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom:

(a) għall-artisti, ta' l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

[…]"

16 L-Artikolu 5 tal-istess direttiva jelenka l-każijiet li fihom l-Istati Membri għandhom il-fakultà li jipprevedu eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi previsti fl-Artikoli 2 sa 4 ta' din id-direttiva.

17 L-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/29 jiddisponi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kull att konkluż u drittijiet miksuba qabel it-22 ta' Diċembru 2002."

Id-Direttiva 2006/115/KE

18 Il-premessi 4, 5 u 7 tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU 2006, L 376, p. 28), jistipulaw:

"(4) Il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u tad-drittijiet relatati għandha tadatta għal żviluppi ekonomiċi ġodda bħal forom ġodda ta' sfruttament.

(5) Ix-xogħol kreattiv u artistiku ta' awturi u artisti jeħtieġ dħul adegwat bħala bażi għal aktar xogħol kreattiv u artistiku […]

[…]

(7) Il-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri għandha tiġi approssimata b'tali mod li ma tmurx kontra l-konvenzjonijiet internazzjonali li fuqhom huma bbażati d-drittijiet ta' l-awtur u l-liġijiet tad-drittijiet relatati ta' bosta Stati Membri."

19 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Id-dritt esklussiv ta' l-għoti ta' awtorizzazzjoni jew ta' projbizzjoni tal-kiri jew tas-self għandu jkun ta' dawn li ġejjin:

[…]

(b) l-artist fir-rigward ta' l-iffissar tal-wirja tiegħu;

[…]"

20 L-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-artisti d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tal-wirjiet tagħhom."

21 L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva 2006/115 huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-artisti d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-wirjiet tagħhom, ħlief fejn il-wirja tkun fiha nnifisha diġa wirja mxandra jew tkun saret minn iffissar.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu dritt biex jiżguraw li jitħallas ħlas uniku ekwu mill-utent, jekk jintuża fonogramm ippubblikat għall-finijiet kummerċjali, jew tintuża riproduzzjoni ta' dan il-fonogramm, għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kull komunikazzjoni lill pubbliku, u biex jiżguraw li dan il-ħlas jitqassam bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm relevanti. L-Istati Membri jistgħu, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, jistipulaw il-kondizzjonijiet għat-tqassim ta' dan il-ħlas bejniethom."

22 L-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dritt esklussiv li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku l-oġġetti indikati fil-punti (a) sa (d), inklużi kopji tagħhom, bil-bejgħ jew b'xi mod ieħor, minn hawn 'il quddiem 'id-dritt ta' distribuzzjoni':

(a) għall-artisti, rigward l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

[…]"

23 L-Artikolu 10 tal-imsemmija direttiva, li jistabbilixxi l-limitazzjonijiet għad-drittijiet relatati li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, jiddisponi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Irrispettivament mill-paragrafu 1, kull Stat Membru jista' jagħmel dispożizzjoniet għall-istess tipi ta' limitazzjonijiet rigward il-protezzjoni ta' artisti, produtturi ta' fonogrammi, organizzazzjonijiet tax-xandir u ta' produtturi ta' l-ewwel iffissar ta' films, hekk bħad-dispożizzjonijet previsti fil-liġi tiegħu rigward il-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur f'xogħlijiet letterarji u artistiċi.

Madankollu, jistgħu jkunu previsti liċenzji obbligatorji, biss sal-punt fejn ikunu kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Ruma."

Id-Direttiva 2019/790

24 Il-premessi 4 u 72 tad-Direttiva 2019/790 jistipulaw:

"(4) Din id-Direttiva hija bbażata fuq, u tikkumplimenta, ir-regoli stabbiliti fid-Direttivi li bħalissa huma fis-seħħ f'dan il-qasam, b'mod partikolari [d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 459), kif ukoll id-Direttivi 2001/29 u 2006/115].

[…]

(72) L-awturi u l-artisti għandhom it-tendenza li jkunu f'pożizzjoni kuntrattwali aktar dgħajfa meta jagħtu liċenzja jew jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom, inkluż permezz tal-kumpanniji tagħhom stess, għall-finijiet ta' sfruttament għal remunerazzjoni, u dawk il-persuni fiżiċi jeħtieġu l-protezzjoni prevista minn din id-Direttiva sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ mid-drittijiet armonizzati skont il-liġi tal-Unjoni. Dik il-ħtieġa għal protezzjoni ma tirriżultax fejn il-kontroparti kuntrattwali taġixxi bħala utent aħħari u ma tisfruttax ix-xogħol jew il-prestazzjoni hija stess, li jista', pereżempju, ikun il-każ f'xi kuntratti ta' impjieg."

25 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2019/790, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jiddisponi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli li għandhom l-għan li jkomplu jarmonizzaw il-liġi tal-Unjoni applikabbli għad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fil-qafas tas-suq intern […].

2. Ħlief għall-każi msemmija fl-Artikolu 24, din id-Direttiva għandha tħalli kif inhuma u m'għandha bl-ebda mod taffettwa r-regoli eżistenti stabbiliti fid-direttivi li bħalissa huma fis-seħħ f'dan il-qasam, b'mod partikolari [d-Direttivi 96/9, 2001/29 u 2006/115]."

26 It-Titolu IV tad-Direttiva 2019/790, dwar miżuri biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq tad-drittijiet tal-awtur, jinkludi l-Kapitolu 3, intitolat "Emunerazzjoni ġusta fil-kuntratti ta' sfruttament ta' awturi u artisti" u li fih jinsabu l-Artikoli 18 sa 23 ta' din id-direttiva.

27 L-Artikolu 18 tad-Direttiva 2019/790, intitolat "Prinċipju ta' remunerazzjoni xierqa u proporzjonata", jiddisponi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn l-awturi u l-artisti jagħtu liċenzja jew jittrasferixxu d-drittijiet esklużivi tagħhom għall-isfruttament tax-xogħlijiet jew ta' materjal ieħor tagħhom, ikunu intitolati li jirċievu remunerazzjoni xierqa u proporzjonata.

2. Fl-implimentazzjoni fil-liġi nazzjonali tall-prinċipju stabbilit fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jużaw mekkaniżmi differenti u jqisu l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali u bilanċ ġust tad-drittijiet u l-interessi."

28 L-Artikolu 19 ta' din id-direttiva, intitolat "Obbligu ta' trasparenza", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awturi u l-artisti jirċievu fuq bażi regolari, ikkonċernati minn tal-inqas darba fis-sena, u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet ta' kull settur, informazzjoni aġġornata, rilevanti u komprensiva dwar l-isfruttament tax-xogħlijiet u l-prestazzjonijiet tagħhom mill-partijiet li lilhom ikunu lliċenzjaw jew ttrasferew id-drittijiet tagħhom jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, b'mod partikolari fir-rigward tal-modi ta' sfruttament, id-dħul iġġenerat u l-ħlas dovut kollu."

29 L-Artikolu 20 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Mekkaniżmu tal-aġġustament tal-kuntratt", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-assenza ta' ftehim ta' negozjar kollettiv applikabbli li jipprevedi mekkaniżmu komparabbli ma' dak stabbilit f'dan l-Artikolu, l-awturi u l-artisti, jew ir-rappreżentanti tagħhom, huma intitolati li jitolbu remunerazzjoni addizzjonali, xierqa u ġusta mill-parti li magħha jkunu daħlu f'kuntratt għall-isfruttament tad-drittijiet, jew mis-suċċessuri fit-titolu ta' tali parti, meta r-remunerazzjoni miftiehma oriġinarjament tirriżulta sproporzjonatament baxxa meta mqabbla mad-dħul u l-benefiċċji rilevanti sussegwenti kollha miksuba mill-isfruttament tax-xogħlijiet jew il-prestazzjonijiet."

30 L-Artikolu 21 tal-istess direttiva, intitolat "Proċedura alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim", jiddisponi:

"L-Istati Membri għandhom jipprevedu li kull tilwim dwar l-obbligu tat-trasparenza skont l-Artikolu 19 u l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-kuntratt skont l-Artikolu 20 jistgħu jitressqu għal proċedura volontarja u alternattiva għas-soluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-awturi u l-artisti jkunu jistgħu jagħtu bidu għal tali proċeduri fuq talba speċifika ta' awtur jew artist wieħed jew aktar."

31 L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2019/790, intitolat "Dritt ta' revoka", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta awtur jew artist ikun illiċenzja jew ittrasferixxa d-drittijiet tiegħu f'xogħol jew materjal protett ieħor fuq bażi esklużiva, l-awtur jew l-artist jistgħu jirrevokaw kompletament jew parzjalment il-liċenzja jew it-trasferiment ta' drittijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' sfruttament tax-xogħol jew ta' materjal protett ieħor.

[…]

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li kull dispożizzjoni kuntrattwali li tidderoga mill-mekkaniżmu ta' revoka prevista fil-paragrafu 1 hija infurzabbli biss jekk tkun ibbażata fuq ftehim ta' negozjar kollettiv."

32 L-Artikolu 23 ta' din id-direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet komuni", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe dispożizzjoni kuntrattwali li tipprevjeni l-konformità mal-Artikoli 19, 20 u 21 m'għandhiex tkun infurzabbli b'rabta mal-awturi u l-artisti.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Artikoli 18 sa 22 ta' din id-Direttiva ma japplikawx għal awturi ta' programm tal-kompjuter […]."

33 L-Artikolu 26 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Applikazzjoni fiż-żmien", jiddisponi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika fir-rigward tax-xogħlijiet u materjal ieħor kollha li huma protetti mil-liġi nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, fi jew wara s-7 ta' Ġunju 2021.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konkluż u kwalunkwe dritt miksub qabel is-7 ta' Ġunju 2021."

34 L-Artikolu 29 tal-istess direttiva, intitolat "Traspożizzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-7 ta' Ġunju 2021. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza."

Id-dritt Belġjan

35 Id-drittijiet relatati tal-artisti ġew stabbiliti permezz tal-loi du 30 juin 1994 relative aux droits d'auteur et aux droits voisins (il-Liġi tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati) (Moniteur belge tas-27 ta' Lulju 1994, p. 19297), li d-dispożizzjonijiet tagħha ġew integrati fil-code de droit économique (il-Kodiċi tad-Dritt Ekonomiku) permezz tal-loi du 19 avril 2014 portant insertion du livre XI « Propriété intellectuelle » dans le Code de droit économique, et portant insertion des dispositions propres au livre XI dans les livres I, XV et XVII du même Code (il-Liġi tad-19 ta' April 2014 li Daħħlet il-Ktieb XI "Proprjetà intellettwali" fil-Kodiċi tad-Dritt Ekonomiku, u li Daħħlet Dispożizzjonijiet Speċifiċi għall-Ktieb XI fil-Kotba I, XV u XVII tal-Istess Kodiċi) (Moniteur belge tat-12 ta' Ġunju 2014, p. 44352).

36 L-Artikolu XI.205(4) tal-Kodiċi tad-Dritt Ekonomiku, li jinsab fil-Ktieb XI ta' dan il-kodiċi, jipprevedi li, meta prestazzjonijiet jitwettqu minn artist b'eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' xogħol jew ta' statut, id-drittijiet patrimonjali li jirriżultaw mid-drittijiet relatati jistgħu jiġu ttrasferiti lill-persuna li timpjega sakemm it-trasferiment tad-drittijiet ikun espressament previst u sakemm il-prestazzjoni tidħol fil-kamp tal-kuntratt jew tal-istatut.

37 Il-preambolu tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 fih is-silta li ġejja:

"Billi l-[ONB] hija korp ta' interess pubbliku tal-kategorija B;

Billi l-Artikolu XI.205(4) tal-Kodiċi tad-Dritt Ekonomiku jippermetti li, meta prestazzjonijiet jitwettqu minn artist b'eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' impjieg jew ta' statut, id-drittijiet patrimonjali li jirriżultaw mid-drittijiet relatati jiġu ttrasferiti lill-persuna li timpjega sakemm l-assenjazzjoni tad-drittijiet tkun espressament prevista u sakemm il-prestazzjoni tidħol fil-kamp tal-kuntratt jew tal-istatut;

Billi l-funzjonament tajjeb tal-[ONB] jeħtieġ li d-drittijiet kollha marbuta mal-eżekuzzjoni u mal-isfruttament tal-prestazzjonijiet tal-artisti tal-[ONB] jiġu ttrasferiti lilu".

38 L-Artikolu 1 ta' dan id-digriet huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan id-digriet:

1° Artist huwa l-mużiċist tal-[ONB] irreklutat taħt id-dritt amministrattiv jew taħt kuntratt ta' xogħol, bl-esklużjoni ta' kull mużiċist li jeżerċita funzjoni ta' direttur mużikali jew funzjoni ta' solista.

[…]"

39 L-Artikolu 2 tal-imsemmi digriet Irjali jiddisponi:

"L-artist jittrasferixxi lill-[ONB], skont id-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet, id-drittijiet relatati li jirrigwardaw il-prestazzjonijiet tiegħu imwettqa fil-kuntest tal-kompitu tiegħu fis-servizz tal-[ONB]."

40 L-Artikolu 3(1) u (2) tal-istess digriet Irjali jipprevedi:

"§ 1. Id-drittijiet relatati li ġejjin għandhom jiġu ttrasferiti lill-[ONB] skont l-Artikolu 2 inkambju għall-allowances ippreċiżati fl-Artikoli 4 u 6:

a) Dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku:

– Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tal-artisti imwettqa fil-kuntest tal-kompitu tagħhom fis-servizz tal-[ONB], bil-għan ta' xandir u ritrażmissjoni tagħhom bl-awdjo b'mod hertz, bil-cable, bis-satellita, bil-pjattaformi tal-internet, permezz ta' streaming jew bi kwalunkwe mezz tekniku ieħor magħruf jew mhux magħruf illum;

– Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tal-artisti imwettqa fil-kuntest tal-kompitu tagħhom fis-servizz tal-[ONB], bil-għan ta' xandir u ritrażmissjoni awdjoviżiv tagħhom, b'mod hertz, bil-cable, bis-satellita, bil-pjattaformi tal-internet, permezz ta' streaming jew bi kwalunkwe mezz tekniku ieħor magħruf jew mhux magħruf illum;

b) Dritt ta' riproduzzjoni u ta' distribuzzjoni:

– Id-dritt li jiġu rriprodotti l-prestazzjonijiet tal-artisti imwettqa fil-kuntest tal-kompitu tagħhom fis-servizz tal-[ONB], fl-intier tagħhom jew parti minnhom, f'numri bla limitu ta'

kopji, fuq kull midja fonografika, vidjografika jew multimedjali, inkluż il-midja diġitali, magħrufa jew mhux magħrufa llum;

– Id-dritt ta' distribuzzjoni tal-midja li tirriproduċi l-prestazzjonijiet tal-artisti, u d-dritt li din tiġi offruta biex titniżżel għal skopijiet privati fuq servizz aċċessibbli minn netwerk diġitali ta' trażmissjoni tad-data, b'mod partikolari l-internet, u b'mod ġenerali d-dritt li tiġi sfruttata jew li jkun permess l-isfruttament tal-midja inkluż permezz tal-bejgħ jew il-kiri.

§ 2. Id-drittijiet ittrasferiti skont l-Artikolu 2 u l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu għandhom jiġu ttrasferiti għaż-żmien kollu tad-drittijiet relatati u għal kulħadd."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

41 Qabel l-adozzjoni tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021, l-isfruttament tad-drittijiet relatati tal-mużiċisti tal-ONB kien innegozjat, każ b'każ, fi ħdan kumitat ta' konsultazzjoni.

42 Bejn is-sena 2016 u s-sena 2021, l-ONB u d-delegazzjonijiet sindakali tal-mużiċisti ta' din l-orkestra nnegozjaw sabiex jintlaħaq ftehim dwar ir-remunerazzjoni ekwa mill-ONB għall-prestazzjonijiet ta' dawn il-mużiċisti.

43 Peress li dawn in-negozjati ma rnexxewx, u ġie mfassal u ffirmat "protokoll ta' nuqqas ta' qbil" fix-xahar ta' Mejju 2021, l-Istat Belġjan adotta d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021.

44 Skont il-preambolu ta' dan id-digriet Irjali, il-funzjonament tajjeb tal-ONB jirrikjedi li d-drittijiet kollha marbuta mal-eżekuzzjoni u mal-isfruttament tal-prestazzjonijiet tal-artisti ta' din l-orkestra jiġu ttrasferiti lilu.

45 Għal dan l-għan, l-Artikolu 2 tal-imsemmi digriet Irjali jipprevedi li l-artist għandu jittrasferixxi lill-ONB id-drittijiet relatati li jirrigwardaw il-prestazzjonijiet tiegħu mwettqa fil-kuntest tal-missjoni tiegħu fis-servizz ta' din l-orkestra. Skont l-Artikolu 3 tal-istess digriet Irjali, huma għalhekk ittrasferiti, inkambju għall-ħlas tal-allowances kumpensatorji imsemmija fl-Artikoli 4 u 6 tiegħu, id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku kif ukoll id-dritt ta' riproduzzjoni u ta' distribuzzjoni, għat-tul kollu tad-drittijiet relatati u għad-dinja kollha.

46 Permezz ta' rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2021 quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), li huwa l-qorti tar-rinviju, FT, AL u ON talbu l-annullament tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021, billi sostnew b'mod partikolari li d-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet Irjali jiksru d-dritt tal-Unjoni.

47 F'dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva, essenzjalment, li, fil-kuntest tal-eżami ta' dan ir-rikors, iqumu domandi dwar jekk it-trasferiment ta' drittijiet relatati mnissla fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol statutorju jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2019/790, b'mod partikolari tal-Artikoli 18 sa 23 tagħha, u, fl-affermattiv, jekk l-Istat Belġjan kienx obbligat josserva dawn id-dispożizzjonijiet meta adotta d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021, jiġifieri f'data fejn it-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva kien għadu ma skadiex.

48 Skont l-imsemmija qorti, dawn id-domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u għandhom, għaldaqstant, jiġu ssottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 18 sa 23 tad-[Direttiva 2019/790] għandhom jiġu interpretati bħala li jopponu t-trasferiment b'mezzi leġiżlattivi tad-drittijiet relatati ta' membru tal-persunal irregolat mir-Regolamenti tal-Persunal għal servizzi mwettqa fil-qasam tar-relazzjoni tax-xogħol?

2) Jekk tingħata risposta affermattiva l-kunċetti ta' 'atti konklużi' u 'drittijiet akkwistati' fl-Artikolu 26(2) tad-[Direttiva 2019/790] għandhom jiġu interpretati bħala li jirreferu b'mod partikolari għat-trasferiment ta' drittijiet relatati mwettaq permezz ta' att leġiżlattiv adottat qabel is-7 ta' Ġunju 2021?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

50 Il-Gvern Belġjan, mingħajr ma jinvoka b'mod espliċitu l-inammissibbiltà tal-ewwel domanda, jafferma, minn naħa, li din id-domanda hija intiża sabiex tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja opinjoni konsultattiva dwar kwistjoni ġenerali u, min-naħa l-oħra, li l-qorti tar-rinviju ma tesponix, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, la r-raġunijiet li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, u lanqas ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021.

51 F'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, l-ewwel nett, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba ta' regola tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni fattwali u legali neċessarja sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021, Facebook Ireland *et*, C-645/19, EU:C:2021:483, punt 115 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

52 Barra minn hekk, konformement ma' ġurisprudenza daqstant ieħor stabbilita, il-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma hijiex il-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2021, Facebook Ireland *et*, C-645/19, EU:C:2021:483, punt 116 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

53 It-tieni nett, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi, taħt piena ta' inammissibbiltà, l-espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew dwar il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali.

54 F'dan il-każ, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta mingħajr ekwivoku li, fil-kuntest tar-rikors għall-annullament tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 li hija adita bih, il-qorti tar-rinviju għandha tiddetermina jekk huwiex ġust li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jallegaw li l-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790 jipprekludu

t-trasferiment, b'mod regolamentari, tad-drittijiet relatati tal-mużiċisti tal-ONB irreklutati taħt id-dritt amministrattiv għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din l-orkestra, fl-assenza tal-kunsens minn qabel tagħhom.

55 Minn dan isegwi li din il-qorti esponiet ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 u li risposta għall-ewwel domanda hija neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kawża prinċipali.

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel domanda hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

Kunsiderazzjonijiet preliminari

57 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. F'dan il-kuntest, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew magħmula lilha. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment għalihom fil-formulazzjoni tad-domanda tagħha (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, K.B. u F.S. (Konstatazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali), C-660/21, EU:C:2023:498, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58 Il-fatt li qorti nazzjonali tkun ifformulat, minn perspettiva formali, domanda preliminari billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-punti kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża quddiemha, indipendentement minn jekk tkunx għamlet riferiment għalihom fid-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' liġi tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża (sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, K.B. u F.S. (Konstatazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali), C-660/21, EU:C:2023:498, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, id-domandi preliminari jirrigwardaw biss l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 sa 23 kif ukoll tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2019/790, u huma intiżi b'mod partikolari sabiex jiddeterminaw, essenzjalment, jekk dawn l-Artikoli 18 sa 23 jipprekludux it-trasferiment, b'mod regolamentari, favur il-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati tal-mużiċisti ta' orkestra rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega, fl-assenza tal-kunsens minn qabel tagħhom.

60 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet imsemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domandi tagħha jirrigwardaw, rispettivament, ir-remunerazzjoni ġusta tal-awturi u tal-artisti fil-kuntest tal-kuntratti ta' sfruttament u tal-applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2019/790.

61 Xorta jibqa' l-fatt, kif tistipula l-premessa 4 tad-Direttiva 2019/790, li din id-direttiva hija bbażata, filwaqt li tikkompletahom, fuq ir-regoli stabbiliti b'mod partikolari fid-Direttivi 2001/29 u 2006/115, li jirregolaw tali trasferiment. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 1(2)

tad-Direttiva 2019/790 jipprevedi li, ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 24 tagħha, din id-direttiva bl-ebda mod ma taffettwa r-regoli eżistenti stabbiliti, b'mod partikolari, fid-Direttivi 2001/29 u 2006/115.

62 Issa, fost dawn ir-regoli hemm, fir-rigward tad-drittijiet tal-artisti, minn naħa, dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(b) u fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29, li jipprevedu, għall-benefiċċju ta' dawn id-detenturi, u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet u għal-limitazzjonijiet previsti minn din id-direttiva, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-fissazzjoni tal-prestazzjonijiet tagħhom.

63 Dawn jinkludu, min-naħa l-oħra, ir-regoli msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115, li jagħtu lill-artisti, ukoll bla ħsara għal-limitazzjonijiet previsti minn din id-direttiva, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu l-kiri u s-self tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu l-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu x-xandir u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom kif ukoll id-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-iffissar ta' dawn il-prestazzjonijiet.

64 Tali regoli huma, għaldaqstant, rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix it-trasferiment, b'mod regolamentari, favur il-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega, fl-assenza ta' kunsens tagħhom minn qabel.

65 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li jirriżulta li l-prestazzjonijiet tal-artisti, li t-trasferiment tad-drittijiet tagħhom lill-ONB isir mid-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021, huma intiżi li jiġu sfruttati minn din l-orkestra, b'tali mod li l-ONB ma jaġixxix bħala utent finali ta' tali prestazzjonijiet, fis-sens tal-premessa 72 tad-Direttiva 2019/790. Fil-fatt, huma kkonċernati minn dan it-trasferiment kemm id-drittijiet ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tal-artisti bl-għan tax-xandir u tat-trażmissjoni mill-ġdid awdjo jew awdjoviżiva tagħhom, permezz ta' kull teknika, kif ukoll id-drittijiet ta' riproduzzjoni ta' dawn il-prestazzjonijiet, fl-intier tagħhom jew parzjalment, f'numru illimitat ta' kopji, fuq il-mezzi kollha u d-drittijiet ta' distribuzzjoni tal-prestazzjonijiet hekk iffissati. Huwa għall-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk dan huwa fil-fatt il-każ.

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29, kif ukoll l-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115, minn naħa, u l-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, min-naħa l-oħra, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-trasferiment, b'mod regolamentari, għall-finijiet ta' sfruttament mill-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega, fl-assenza ta' kunsens tagħhom minn qabel.

Fuq l-interpretazzjoni tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790

– *Dwar l-applikabbiltà ratione temporis tad-Direttiva 2019/790*

67 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Belġjan isostni li d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 huwa esklużż mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2019/790, peress li dan id-digriet huwa "att konkluż" qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva, fis-7 ta' Ġunju 2021, u li ħoloq, qabel din id-data, "drittijiet miksuba" favur l-ONB, fis-sens tal-Artikolu 26(2) tal-imsemmija direttiva.

68 Għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2019/790, it-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva skada fis-7 ta' Ġunju 2021. L-Artikolu 26 tal-imsemmija direttiva jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li din għandha tapplika fir-rigward tax-xogħlijiet u materjal ieħor protett kollu li huma protetti mid-dritt nazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur fis-7 ta' Ġunju 2021 jew wara din id-data u, fil-paragrafu 2 tiegħu, li din id-direttiva tapplika "mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konkluż u kwalunkwe dritt miksub qabel is-7 ta' Ġunju 2021".

69 Minn qari flimkien ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta, minn naħa, li d-Direttiva 2019/790 tapplika għax-xogħlijiet u materjal ieħor protett kollu mid-dritt nazzjonali fil-qasam tad-dritt tal-awtur mis-7 ta' Ġunju 2021.

70 Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni ta' din id-direttiva hija, skont il-kliem tal-Artikolu 26(2) tagħha, "mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe att konkluż u kwalunkwe dritt miksub qabel is-7 ta' Ġunju 2021". Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2001/29, ifformulat f'termini sostanzjalment identiċi għal dawk tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2019/790, is-salvagwardja tal-atti msemmija tirriżulta minn prinċipju ġenerali li jipprovdi li direttiva ma għandhiex effett retroattiv u ma tapplikax għall-atti ta' sfruttament ta' xogħlijiet u ta' materjal ieħor protett imwettqa qabel id-data li fiha din id-direttiva għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, VG Wort *et*, C-457/11 sa C-460/11, EU:C:2013:426, punt 28). Minn dan isegwi li d-Direttiva 2019/790 ma hijiex intiża li tapplika għall-atti ta' sfruttament li seħħew qabel is-7 ta' Ġunju 2021 u li għalihom id-drittijiet kienu ġew miksuba b'mod validu qabel din id-data.

71 Huwa fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandu jiġi ddeterminat jekk, kif isostni l-Gvern Belġjan, id-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 jikkostitwixxix "att konkluż" qabel is-7 ta' Ġunju 2021, fis-sens tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2019/790, li ħoloq, qabel din id-data, "drittijiet miksuba" favur l-ONB fuq id-drittijiet relatati tal-mużiċisti ta' din l-orkestra, kemm jekk dawn id-drittijiet jirrigwardaw prestazzjonijiet imwettqa qabel jew wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

72 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, bħala prinċipju, dispożizzjoni legali ġdida tapplika mid-data ta' dħul fis-seħħ tal-att li joħloqha. Għalkemm hija ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li nħolqu u ġew definittivament konklużi taħt il-liġi l-qadima, hija tapplika għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li nħolqot taħt ir-regola l-qadima, kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Ikun mod ieħor, u bla ħsara għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività ta' atti legali, biss jekk ir-regola l-ġdida tkun akkumpanjata b'dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw b'mod speċjali l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħha (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Skarb Państwa (Kopertura tal-assigurazzjoni tal-karozzi), C-428/20, EU:C:2021:1043, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

73 B'hekk, l-atti adottati għat-traspożizzjoni ta' direttiva għandhom japplikaw għall-effetti futuri tas-sitwazzjonijiet li nħolqu taħt il-liġi l-qadima, mid-data tal-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, sakemm din id-direttiva ma tipprovdix mod ieħor (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Skarb Państwa (Kopertura tal-assigurazzjoni tal-karozzi), C-428/20, EU:C:2021:1043, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 Sabiex tiġi vverifikata l-applikabbiltà *ratione temporis* ta' regola ġdida tal-Unjoni għal sitwazzjoni li nħolqot taħt ir-regola l-qadima li hija tissostitwixxi, għandu jiġi ddeterminat jekk din is-sitwazzjoni eżawrietx l-effetti tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tar-regola l-ġdida, f'liema każ din għandha tiġi kklassifikata bħala sitwazzjoni miksuba qabel dan id-dħul fis-seħħ, jew jekk l-imsemmija sitwazzjoni tkomplix tipproduċi l-effetti tagħha wara dan id-dħul fis-seħħ (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Skarb Państwa (Kopertura tal-assigurazzjoni tal-karozzi), C-428/20, EU:C:2021:1043, punt 34).

75 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta, l-ewwel nett, li d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ġunju 2021, b'tali mod li għandu jitqies li ġie "konkluż" qabel id-data ta' skadenza, fis-7 ta' Ġunju 2021, tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva.

76 Minn dan isegwi li dan id-digriet, sa fejn ġie adottat b'mod validu, seta' ħoloq, bejn l-4 ta' Ġunju u s-7 ta' Ġunju 2021, favur l-ONB, drittijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2019/790.

77 It-tieni nett, xorta jibqa' l-fatt, kif jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni tar-rinviju, li d-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 ma eżawrixxiex l-effetti legali tiegħu fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, fl-4 ta' Ġunju 2021, u ma jistax, għaldaqstant, jitqies li jikkonċerna esklużivament sitwazzjonijiet li seħħew qabel dan id-dħul fis-seħħ, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 74 ta' din is-sentenza, iżda li huwa intiż li jipproduċi regolarment l-effetti tiegħu fuq l-prestazzjonijiet tal-artisti kkonċernati matul il-perijodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu, inkluż wara l-iskadenza, fis-7 ta' Ġunju 2021, tat-terminu ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva.

78 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kisba valida, mill-ONB, ta' drittijiet fuq il-prestazzjonijiet tal-mużiċisti ta' din l-orkestra tista', għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2019/790, tikkonċerna biss dawk il-prestazzjonijiet li twettqu, u setgħu nisslu tali drittijiet, qabel id-data ta' skadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva.

79 Barra minn hekk, interpretazzjoni li tgħid li l-prestazzjonijiet kollha tal-artisti msemmija fid-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 u wara d-data ta' skadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2019/790 huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva skont l-Artikolu 26(2) tagħha, tista' tippreġudika l-effett utli tad-dispożizzjonijiet tagħha, li huma intiżi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 72 tal-imsemmija direttiva, li jipproteġu lill-artisti waqt trasferiment tad-drittijiet tagħhom.

80 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-Direttiva 2019/790 hija applikabbli *ratione temporis* għat-trasferiment, imwettaq permezz tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021, tad-drittijiet relatati tal-mużiċisti tal-ONB relatati mal-prestazzjonijiet imwettqa wara s-7 ta' Ġunju 2021.

– *Fuq l-applikabbiltà ratione personae tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790*

81 Mill-formulazzjoni tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li din tal-aħħar tistaqsi dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790 għat-trasferiment, b'mod regolamentari, għall-finijiet ta' sfruttament mill-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati tal-mużiċisti ta' orkestra impjegati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega.

82 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 64 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll l-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115 huma wkoll rilevanti sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula f'dan ir-rigward mill-qorti tar-rinviju, b'tali mod li għandu jiġi ddeterminat, preliminarjament, jekk il-kunċett ta' "artist", imsemmi f'dawn id-dispożizzjonijiet u fl-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, ikoprix il-mużiċisti ta' orkestra rreklutati taħt id-dritt amministrattiv.

83 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita sew, fid-dawl tar-rekwiżiti ta' unità u ta' koerenza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, il-kunċetti użati mid-direttivi fis-seħħ fil-qasam tal-proprjetà intellettwali għandu jkollhom l-istess tifsira, sakemm il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jkunx esprima, f'kuntest leġiżlattiv preċiż, rieda differenti (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 2011, Football Association Premier League *et*, C-403/08 u C-429/08, EU:C:2011:631, punt 188, kif ukoll tal-20 ta' April 2023, Blue Air Aviation, C-775/21 u C-826/21, EU:C:2023:307, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 Issa, f'dan il-każ, xejn ma jippermetti li jiġi affermat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti lill-kunċett ta' "artist" tifsira differenti fil-kuntesti rispettivi tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790 (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2016, Reha Training, C-117/15, EU:C:2016:379, punt 31).

85 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kunċetti li jinsabu fid-Direttiva 2019/790, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, din tistabbilixxi regoli "li għandhom l-għan li jkomplu jarmonizzaw" id-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-drittijiet tal-awtur u għad-drittijiet relatati fil-kuntest tas-suq intern. Barra minn hekk, kif tfakkar fil-punt 61 ta' din is-sentenza, mill-Artikolu 1(2) u mill-premessa 4 ta' l-imsemmija direttiva jirriżulta speċifikament li din hija bbażata, filwaqt li tikkompletahom, fuq ir-regoli stabbiliti b'mod partikolari fid-Direttivi 2001/29 u 2006/115.

86 Minn dan isegwi li l-kunċett ta' "artist" għandu jingħata l-istess tifsira fil-kuntesti rispettivi tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790.

87 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, it-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma tinkludi ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħha għandhom normalment jingħataw, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-kuntest li tinsab fih, u b'mod partikolari l-oriġini tagħha kif ukoll id-dritt internazzjonali, kif ukoll l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación, C-147/19, EU:C:2020:935, punti 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790, iċċitati fil-punt 82 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li ebda waħda minnhom ma teskludi formalment mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv.

89 Ċertament, l-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, li jinsabu fil-Kapitolu 3 tat-Titolu IV ta' din id-direttiva, intitolat "Emunerazzjoni ġusta fil-kuntratti ta' sfruttament ta' awturi u artisti", jirreferu, f'diversi aspetti, għal trasferiment ta' drittijiet permezz ta' kuntratt. Għalhekk, f'dawn l-artikoli, il-leġiżlatur tal-Unjoni juża espressjonijiet bħall-"prinċipju tal-libertà kuntrattwali", il-"kontroparti kuntrattwali", l-"aġġustament tal-kuntratti", l-"esklużività tal-kuntratt" jew anki d-"dispożizzjonijiet kuntrattwali".

90 Madankollu, mill-użu ta' dawn l-espressjonijiet ma jistax jiġi dedott li l-imsemmija artikoli jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom l-artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv.

91 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kunċett ta' "kuntratt" użat f'dawn l-istess artikoli għandu jinftiehem f'sens wiesa', bħala li jkopri kull għoti ta' liċenzja ta' sfruttament jew trasferiment ta' drittijiet esklużivi, peress li l-Artikoli 18, 19 u 22 tad-Direttiva 2019/790 jirreferu barra minn hekk espliċitament għall-għoti ta' liċenzji jew għat-trasferiment ta' drittijiet.

92 Bl-istess mod, huwa irrilevanti f'dan ir-rigward il-fatt, enfasizzat mill-ONB u mill-Gvern Belġjan, li, fir-rigward ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, mill-prinċipji ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi u ta' sussidjarjetà, imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 TUE, jirriżulta li l-Unjoni ma għandha ebda kompetenza sabiex tiffissa r-remunerazzjoni tal-membri tal-persunal tas-servizz pubbliku tal-Istati Membri. Fil-fatt, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fl-oqsma li ma jaqgħux taħt dik tal-Unjoni, bħad-determinazzjoni tal-livell tad-diversi elementi li jikkostitwixxu r-remunerazzjoni ta' ħaddiem, l-Istati Membri huma obbligati josservaw id-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Ġunju 2010, Bruno *et*, C-395/08 u C-396/08, EU:C:2010:329, punt 39, kif ukoll tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u ħajja privata tal-imħallfin), C-204/21, EU:C:2023:442, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li fih jaqgħu d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790, iċċitati fil-punt 82 ta' din is-sentenza, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tad-direttivi fis-seħħ fil-qasam tal-proprjetà intellettwali għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt internazzjonali, u b'mod partikolari tad-dritt konvenzjonali li dawn l-istrumenti huma intiżi preċiżament li jimplimentaw, kif tfakkar espressament fil-premessa 15 tad-Direttiva 2001/29 u fil-premessa 7 tad-Direttiva 2006/115 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers, C-263/18, EU:C:2019:1111, punti 38 u 39, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2020, Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación, C-147/19, EU:C:2020:935, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

94 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tikkonstata li l-kunċetti użati mid-Direttivi 2001/29 u 2006/115 għandhom jiġu interpretati b'osservanza tal-kunċetti ekwivalenti li jinkludi l-WPPT, peress li d-dispożizzjonijiet ta' dan it-trattat jagħmlu parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u huma għalhekk applikabbli għalih (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene

Uitgevers, C-263/18, EU:C:2019:1111, punt 39, kif ukoll tat-18 ta' Novembru 2020, Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación, C-147/19, EU:C:2020:935, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Issa, f'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 2(a) tal-WPPT, il-kunċett ta' "artisti" jirreferi għall-persuni kollha "li jippreżentaw, iktantaw, jirreċtaw, jiddeklamaw, jieħdu sehem, jinterpretaw jew b'xi mod ieħor jaħdmu f'xogħlijiet letterarji jew artistiċi jew espressjonijiet ta' folklor".

96 Għalhekk, din id-dispożizzjoni, li tirreferi mingħajr ebda preċiżazzjoni oħra għall-"artisti", ma tistabbilixxi ebda kundizzjoni li jkollha l-effett li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, Recorded Artists Actors Performers, C-265/19, EU:C:2020:677, punt 61).

97 Fit-tielet lok, tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttivi 2001/29, 2006/115 u 2019/790, kif esposti fil-preamboli ta' dawn l-istrumenti.

98 Għalhekk, l-ewwel nett, kif jistipulaw, essenzjalment, il-premessi 9 u 10 tad-Direttiva 2001/29, kull armonizzazzjoni tad-drittijiet relatati għandha tkun ibbażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, peress li dawn id-drittijiet huma essenzjali għall-kreazzjoni intellettwali, peress li l-artisti, sabiex ikunu jistgħu jkomplu x-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom, għandhom jiksbu remunerazzjoni xierqa għall-użu tal-materjal protett tagħhom.

99 It-tieni nett, il-premessi 4 u 5 tad-Direttiva 2006/115 ifakkru l-ħtieġa mhux biss li l-protezzjoni tad-drittijiet relatati tiġi adattata għar-realtajiet ekonomiċi ġodda, bħall-forom ġodda ta' sfruttament, iżda wkoll li jiġi ggarantit dħul xieraq għall-artisti, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tax-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom.

100 It-tielet nett, mill-premessa 72 tad-Direttiva 2019/790 jirriżulta espressament li l-artisti għandhom it-tendenza li jkunu f'pożizzjoni kuntrattwali inqas favorevoli meta jagħtu liċenzja jew jittrasferixxu d-drittijiet tagħhom, għall-finijiet tal-isfruttament inkambju għal remunerazzjoni, u li dawn il-persuni fiżiċi jeħtieġu l-protezzjoni prevista minn din id-direttiva sabiex ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet armonizzati bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, ir-riferiment magħmul minn din il-premessa għall-kunċett ta' "pożizzjoni kuntrattwali" ma jistax jiġi interpretat bħala li jeskludi pożizzjoni li tirriżulta minn kuntratt ta' xogħol konkluż taħt id-dritt amministrattiv.

101 Ċertament, l-imsemmija premessa żżid li dan il-bżonn ta' protezzjoni ma jeżistix meta l-parti l-oħra fil-kuntratt taġixxi bħala utent finali u ma tisfruttax hija stess il-prestazzjoni. Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk, kif ġie rrilevat fil-punt 65 ta' din is-sentenza.

102 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "artist" imsemmi fl-Artikolu 2(b) u fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29, fl-Artikolu 3(1)(b), fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 8(1) u fl-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115 kif ukoll fl-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, l-artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv.

Fuq it-trasferiment, b'mod regolamentari, tad-drittijiet relatati ta' artisti fl-assenza tal-kunsens tagħhom minn qabel

103 Kif ġie rrilevat fil-punti 60 sa 64 ta' din is-sentenza, it-trasferiment tad-drittijiet relatati tal-artisti huwa rregolat speċifikament mid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2001/29 u 2006/115, li għandhom, għaldaqstant, l-ewwel jiġu eżaminati.

104 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, minn naħa, l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 jipprevedu li l-artisti għandhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu r-riproduzzjoni kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115 jagħtu lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-kiri u s-self tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom kif ukoll id-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-iffissar tal-prestazzjonijiet tagħhom.

105 Il-protezzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-artisti għandha tingħata portata wiesgħa. Għaldaqstant, din il-protezzjoni għandha tinftiehem fis-sens li ma hijiex limitata għat-tgawdija tad-drittijiet iggarantiti mill-imsemmija dispożizzjonijiet, iżda testendi wkoll għall-eżerċizzju tal-imsemmija drittijiet (ara, fir-rigward tal-Artikolu 2(b) u tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2019, Spedidam, C-484/18, EU:C:2019:970, punti 36 u 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

106 Barra minn hekk, id-drittijiet iggarantiti lill-artisti huma ta' natura preventiva, fis-sens li l-użu tal-prestazzjonijiet tagħhom jeħtieġ il-kunsens tagħhom minn qabel. Minn dan jirriżulta li, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet u għal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29 u b'mod partikolari fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/115, kull użu ta' tali materjal protett imwettaq minn terz mingħajr tali kunsens minn qabel għandu jitqies li jikser id-drittijiet tad-detentur tad-drittijiet (ara, fir-rigward tal-Artikolu 2(b) u tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2019, Spedidam, C-484/18, EU:C:2019:970, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2001/29 u 2006/115, imsemmija fil-punt 104 ta' din is-sentenza, li dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu, fl-assenza ta' kunsens minn qabel tad-detenturi ta' drittijiet, it-trasferiment, b'mod regolamentari, tad-drittijiet esklużivi msemmija fihom, sakemm tali trasferiment ma jaqax taħt waħda mill-eċċezzjonijiet jew mil-limitazzjonijiet previsti minn dawn id-direttivi, li huma ta' natura eżawrjenti (ara, fir-rigward tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/29, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2024, Kwantum Nederland u Kwantum België, C-227/23, EU:C:2024:914, punt 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

108 Issa, la d-Direttiva 2001/29 u lanqas id-Direttiva 2006/115 ma jinkludu eċċezzjoni li tippermetti t-trasferiment, mingħajr il-kunsens minn qabel tad-detenturi, tad-drittijiet kollha marbuta mal-eżekuzzjoni u mal-isfruttament tal-prestazzjonijiet tal-artisti ta' orkestra, bħal dik imwettqa mid-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 u msemmija fil-punti 44 u 45 ta' din is-sentenza.

109 Ċertament, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/115 jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, eċċezzjoni għad-dritt esklużiv tal-artisti li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir b'mezzi mingħajr fili u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom, meta l-prestazzjoni tkun diġà prestazzjoni mxandra jew magħmula minn fissazzjoni. Barra minn hekk, dan l-istess Artikolu 8 jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, dritt, favur artisti, għall-ħlas ta' remunerazzjoni ġusta u unika mill-utent meta fonogramma ppubblikata għal finijiet kummerċjali, jew riproduzzjoni ta' din il-fonogramma, tintuża għax-xandir b'mezzi mingħajr fili jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku.

110 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet magħmula b'mod ċirkoskritt għad-drittijiet tal-artisti, kif previsti mid-Direttivi 2001/29 u 2006/115, ma jippermettux it-trasferiment obbligatorju ta' natura ġenerali tad-drittijiet relatati kollha ta' kategorija ta' artisti.

111 Din l-interpretazzjoni hija sostnuta, fit-tieni lok, mill-kuntest, b'mod partikolari internazzjonali, li fih taqa' l-protezzjoni tad-drittijiet relatati tal-artisti, u li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punt 93 ta' din is-sentenza.

112 L-ewwel nett, hekk kif jirriżulta wkoll mill-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2006/115, f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-artisti, liċenzji obbligatorji jistgħu jiġu previsti biss sa fejn ikunu kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Ruma.

113 F'dan ir-rigward, għalkemm id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni ma jagħmlux parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, peress li l-Unjoni ma hijiex parti minnha, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tirrileva li l-imsemmija konvenzjoni tipproduċi effetti indiretti fi ħdan l-Unjoni. B'mod partikolari, mill-oriġini tad-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE tad-19 ta' Novembru 1992 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 120), jirriżulta li, għall-finijiet ta' din id-direttiva u, għaldaqstant, tad-Direttiva 2006/115 li sadanittant issostitwixxietha, hemm lok li jsir riferiment għall-kunċetti li jinsabu b'mod partikolari fl-imsemmija konvenzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación, C-147/19, EU:C:2020:935, punti 35 u 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Issa, l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma jistipula li l-protezzjoni li hija tipprevedi favur artisti għandha tippermetti, bħala prinċipju, li jiġu ostakolati, b'mod partikolari, ix-xandir u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjoni tagħhom mingħajr il-kunsens tagħhom, il-fissazzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom fuq mezz materjali tal-prestazzjoni tagħhom mhux iffissata, kif ukoll ir-riproduzzjoni mingħajr il-kunsens tagħhom ta' ffissar tal-prestazzjoni tagħhom.

115 Huwa minnu li din il-konvenzjoni tinkludi, fl-Artikoli 12, 15 u 19 tagħha, limitazzjonijiet għad-drittijiet esklużivi tad-detenturi ta' drittijiet relatati, b'mod partikolari fil-każijiet ta' użi sekondarji ta' fonogrammi, ta' użu privat, ta' użu ta' frammenti qosra fl-okkażjoni tar-rappurtaġġ ta' ġrajja kurrenti jew ta' użu biss għal finijiet ta' tagħlim jew ta' riċerka xjentifika, jew meta l-artist ikun ta l-kunsens tiegħu għall-inklużjoni tal-prestazzjoni tiegħu f'fissazzjoni viżiva jew awdjoviżiva.

116 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 40 tal-konklużjonijiet tiegħu, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tippermetti trasferiment obbligatorju ta' natura ġenerali tad-drittijiet relatati kollha ta' kategorija ta' artisti.

117 It-tieni nett, kif tfakkar fil-punt 94 ta' din is-sentenza, id-Direttiva 2001/29 għandha wkoll tiġi interpretata b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-WPPT.

118 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, l-Artikoli 6 sa 10 ta' dan it-trattat jistabbilixxu għall-benefiċċju tal-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw, rispettivament, ix-xandir u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom mhux iffissati, ħlief meta l-prestazzjoni tkun diġà prestazzjoni mxandra kif ukoll il-fissazzjoni tal-prestazzjonijiet tagħhom mhux iffissati (Artikolu 6), ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta tal-prestazzjonijiet tagħhom iffissati fuq fonogrammi (Artikolu 7), it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-oriġinal u ta' kopji tal-prestazzjonijiet tagħhom iffissati fuq fonogrammi permezz tal-bejgħ jew trasferiment ieħor ta' proprjetà (Artikolu 8), il-kiri kummerċjali lill-pubbliku tal-oriġinal u ta' kopji tal-prestazzjonijiet tagħhom iffissati fuq fonogrammi (Artikolu 9), kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku tal-prestazzjonijiet tagħhom iffissati fuq fonogrammi (Artikolu 10). Madankollu, la dawn id-dispożizzjonijiet u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmi trattat ma jawtorizzaw trasferiment obbligatorju ta' natura ġenerali tad-drittijiet relatati kollha ta' kategorija ta' artisti.

119 It-tielet nett, bis-saħħa tal-Artikolu 18(2) tad-Direttiva 2019/790, l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni xierqa u proporzjonali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 18, il-prinċipju ta' libertà kuntrattwali u ta' bilanċ ġust tad-drittijiet u tal-interessi. Issa, dan ir-rekwiżit ma huwiex osservat fil-każ tat-trasferiment tad-drittijiet relatati ta' kategorija ta' artisti, mingħajr il-kunsens minn qabel tad-detenturi tagħhom.

120 Fit-tielet lok, tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2001/29 u mid-Direttiva 2006/115, li, kif tfakkar fil-punti 98 u 99 ta' din is-sentenza, huma intiżi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-artisti kif ukoll li jiggarantixxu dħul xieraq lil dawn tal-aħħar.

121 Minn dan isegwi li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 104 ta' din is-sentenza għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, fl-assenza ta' kunsens minn qabel tad-detenturi ta' drittijiet, it-trasferiment, b'mod regolamentari, tad-drittijiet esklużivi msemmija fih.

122 Fir-rigward tal-forma li għandu jkollu l-kunsens minn qabel tal-artisti, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li d-Direttivi 2001/29 u 2006/115 ma jispeċifikawx il-mod li bih dan għandu jimmanifesta ruħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2019, Spedidam, C-484/18, EU:C:2019:970, punt 40).

123 Minn dan isegwi li l-Istati Membri huma kompetenti, minn naħa, kif jirriżulta wkoll mill-premessa 30 tad-Direttiva 2001/29, sabiex jiddefinixxu l-modalitajiet ta' dan il-kunsens, li, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 48 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandu jinkiseb fil-kuntest ta' negozjati individwali jew kollettivi jew għandu jiġi fformalizzat, fir-rigward ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, f'att regolatorju. Min-naħa l-oħra, dawn l-Istati huma wkoll liberi li jiddeterminaw il-modalitajiet li bihom l-artisti li jipparteċipaw fl-istess prestazzjoni huma rrappreżentati għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, konformement mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

124 Xorta jibqa' l-fatt li tali modalitajiet għandhom jiġu ddefiniti b'mod strett, sabiex il-prinċipju stess tal-kunsens minn qabel ma jiġix imċaħħad mill-portata tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2019, Spedidam, C-484/18, EU:C:2019:970, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

125 F'dan il-każ, huwa stabbilit li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma tawx il-kunsens tagħhom minn qabel għall-isfruttament tad-drittijiet esklużivi li huma proprjetarji tagħhom, li t-trasferiment tagħhom lill-ONB sar permezz tad-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021 wara r-reklutaġġ tagħhom fis-servizz ta' din l-orkestra, bi ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 104 ta' din is-sentenza. B'mod partikolari, kif ġie rrilevat fil-punt 43 tagħha, l-assenza ta' ftehim bejn l-ONB u l-mużiċisti tiegħu kienet speċifikament is-suġġett ta' "protokoll ta' nuqqas ta' qbil", redatt u ffirmat qabel l-adozzjoni ta' dan id-digriet Irjali.

126 Minn dan isegwi li d-Direttivi 2001/29 u 2006/115, fl-assenza ta' kunsens tal-artisti kkonċernati, jipprekludu trasferiment tad-drittijiet relatati ta' dawn l-artisti, bħal dak imwettaq mid-Digriet Irjali tal-1 ta' Ġunju 2021.

127 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemmx iktar lok li jiġi eżaminat jekk l-Artikoli 18 sa 23 tad-Direttiva 2019/790, li jirrigwardaw ir-remunerazzjoni ġusta li għandha titħallas lill-artisti għall-isfruttament tal-prestazzjonijiet protetti mid-drittijiet relatati tagħhom, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu wkoll tali trasferiment.

128 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29 kif ukoll l-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-trasferiment, b'mod regolamentari, għall-finijiet ta' sfruttament mill-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega, fl-assenza ta' kunsens minn qabel ta' dawn tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

129 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, kif ukoll l-Artikolu 3(1)(b), l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi t-trasferiment, b'mod regolamentari, għall-finijiet ta' sfruttament mill-persuna li timpjega, tad-drittijiet relatati ta' artisti rreklutati taħt id-dritt amministrattiv, għall-prestazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-missjoni tagħhom fis-servizz ta' din il-persuna li timpjega, fl-assenza ta' kunsens minn qabel ta' dawn tal-aħħar.

Firem